MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Numru. 616/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**

**vs**

**Antoinette Fava**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Antoinette Fava ta' 58 sena, iben Victor Mizzi u Gaetana nee' Calafato, imwieled l-Imsida fl-04.07.1950 u residenti Nru 5 Clarence Street, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 615450(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-26 ta' Gunju 2009 ghall-habta tad-09:15 a.m. gewwa Triq San Gorg Msida:

1) Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza, jew b'hebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, fuq il-persuna tal-Warden Nru. 531 Maria Victoria Cutajar, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-Awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-Artiklu 96(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunat ferita hafifa fuq il-persuna ta' Warden Nru. 531 Maria Victoria Cutajar kif iccertifikat mit-Tabib Dr. Jason Debono M.D. tad-Dipartiment tal-Kura Primarja tal-Gzira, u dan bi ksur tal-Artikli 221(1) u 222(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna msemmija liema persuna hija inkarigata skond il-Ligi minn Servizz Pubbliku, waqt li kienet taghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghaha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

4) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma' obdietx l-ordnijiet legittimi tal-Warden, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmir tal-Warden, billi gabet fix-xejn jew hassret dak li l-Warden ghamlet skond il-Ligi.

5) Fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi kisret volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Gunju, 2009 (esebit *a folio* 3 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha waqt l-udjenza tas-26 Gunju 2009 l-imputata tat il-kunsens taghha sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fis-26 ta’ Gunju 2009 ghall-habta tad-9.15am gewwa l-Imsida bejn l-imputata u l-warden G531 Maria Victoria Cutajar fejn allegatament din tal-ahhar sofriet griehi ta’ natura hafifa liema griehi jinsabu elenkati fic-certifikat mediku inserit a fol. 28 tal-atti processwali. Mill-provi rrizulta li waqt li l-warden kienet qed taghti ticket fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni MAR 755 liema vettura kienet parkeggjata f’kantuniera inqala’ argument bejn il-propjetarja tal-vettura u l-warden ghaliex il-propjetarja pretendiet li l-istess warden ma kellhiex tohrog it-ticket peress li hija kienet ser tnehhi l-vettura u fi kwalunkwe kaz ma kinitx qed tohloq ebda ostakolu. Il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti konfliggenti dwar dak li effettivament seta’ gara waqt l-argument. Il-warden Maria Victoria Cutajar meta xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta’ Marzu 2010 qalet li fid-data in dizamina hija kienet harket vettura bin-numru tar-registrazzjoni MAR 755 liema vettura kienet tinsab parkeggjata fi Triq il-Kuncizzjoni, l-Imsida stante li l-vettura kienet parkeggjata hames metri biss ‘il boghod mill-kantuniera u l-propjetarja tal-vettura li kienet certu Fava li din ix-xhud ma identifikatx bhala l-imputata prezenti fl-awla harget tigri, staqsietha jekk kinitx tatha ticket u meta hija rrispondiet fl-affermattiv din il-mara qabdet it-ticket ghafgitu u poggitu ma wicc il-warden. Maria Victoria Cutajar kompliet tghid li meta din l-mara ratha ser taghfas il-panic button, tatha daqqa fl-istonku, daret mal-vettura taghha, startjat u telqet. L-imputata min-naha l-ohra meta rrilaxjat l-istqarrija inserita a fol. 18 tal-atti processwali filwaqt li tikkonferma li nqala’ diverbju bejnha u bejn il-warden waqt l-vettura taghha kienet parkeggjata fi Triq il-Kuncizzjoni l-Imsida fis-26 ta’ Gunju 2009 tghid li hija qalet lil warden li ghalkemm il-vettura taghha kienet parkeggjata f’kantuniera ma kinitx qed tohloq ebda ostakolu u l-warden irrisponditha li xorta wahda kienet parkeggjata f’kantuniera u hija imbaghad

imbuttatha sabiex din ma taghtihiex ic-citazzjoni. L-imputata qalet li l-warden ma waqghetx mal-art meta hija imbuttatha u spjegat li kellha xhud li setghat tikkonferma dan. Hija cahdet li kienet ikkagunat xi griehi lil warden jew li kienet laqtitha f'wiccha. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputata giet korroborata mix-xhud minnha prodotta Ersilia Galea li xehdet waqt l-udjenza tas-17 ta' Frar 2011 fejn din spjegat li fil-gurnata u l-hin in dizamina hija kienet qed tnaddaf il-bieb ta' barra tad-dar taghha u rat il-warden qed taghti ticket lil vettura li kien hemm parkeggjata u rat lill-propjetarja tal-vettura tmur tghid lil warden sabiex ma taghtijiex it-ticket. Din ix-xhud tispjega li rat lill-imputat u lil warden jillatikaw bil-kliem izda tghid li fl-ebda hin ma rat lill-imputata tmiss lil warden.

Mic-certifikat mediku inserit a fol. 28 tal-atti processwali u mix-xhieda ta' Dr. Jason Debono it-tabib li rrilaxxja dan ic-certifikat u li xehed waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju 2010 jirrizulta li meta giet ezaminata Maria Victoria Cutajar hija kellha hmura fuq it-tul kollu tal-mohh, selha zghira taht ghajnejha l-leminija u hmura fl-istess ghajn il-leminija.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputata tinsab akkuzata bir-reati kontemplati fl-Artikoli 95, 96, 221, 338(dd) u 338(ee) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova dawn l-imputazzjonijiet lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u dan ghal diversi ragunijiet li huma s-segwenti:-

1. Ic-charge sheet tirreferi ghal incident li sehh fi Triq San Gorg, l-Imsida filwaqt li il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirreferu ghal ncident li sehh fi Triq il-Kuncizzjoni l-Imsida.
2. Il-parti leza meta xehdet f'dawn il-proceduri ma identifikatx lill-imputata bhala l-persuna li kkagunatilha l-griehi ndikati fic-charge sheet.
3. Inoltre meta xehdet l-imsemmija Maria Victoria Cutajar hija qalet li l-mara li attakkatha kienet tatha daqqa fl-istonku u fic-certifikat mediku esebit minn din ix-xhud ma hemmx indikati griehi fl-istonku izda griehi fil-wicc.

Maria Victoria Cutajar fl-ebda hin ma qalet li l-mara li kienet attakkatha kienet tatha xi daqqiet f'wiccha jew ikkagunatilha griehi f'wiccha.

4. Ix-xhud prodotta mill-imputata, Ersilia Galea, tghid li hija fl-ebda hin ma rat llil-imputata tmiss lil warden.

In vista ta' dan il-kunflitt fil-provi l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet minnha migjuba fil-konfronti tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------